# Kif tevita l-periklu meta tuża ċ-ċilindri tal-LPG tal-Liquigas Malta

## Dejjem

**Dejjem** oqgħod attent meta ċċaqlaq iċ-ċilindru biex tiżgura li l-valv ma jiġrilux ħsara.

**Dejjem** żomm iċ-ċilindru f'pożizzjoni wieqfa meta tużah, sakemm ma jkunx magħmul apposta għall-ħruġ likwidu.

**Dejjem** rodd iċ-ċilindri lura meta jkunu vojta jew meta jibqgħu ma jintużawx għal żmien twil.

**Dejjem** aqra l-istruzzjonijiet u t-tikketti li jkun hemm mal-apparat li tixtri u żommhom fejn issibhom meta tkun trid tirreferi għalihom.

**Dejjem** żomm l-apparat nadif u qabbad regolarment lil xi ħadd kompetenti biex jagħmillu manutenzjoni. Dan mhux biss jgħin biex iżżomm is-sigurtà tal-apparat, imma jfisser ukoll li l-apparat jikkonsma b'aktar effiċjenza u jiffrankalek il-flus.

**Dejjem** ara li fil-kamra fejn jintuża l-apparat ikun hemm biżżejjed ċirkolazzjoni tal-arja friska. Jekk fil-kamra hemm xi ventilaturi jew gradilji, qis li ma jkunux magħluqa jew misduda. Jekk jinħass li fil-kamra hemm l-għeluq, iftaħ tieqa jew bieb minnufih.

**Dejjem** ipprova ara li ċ-ċilindri vojta jinbidlu ma' oħrajn mimlija fl-apert. Jekk tibdilhom ġewwa, dan għandek tagħmlu wara li tkun aċċertajt li fil-qrib ma hemm xejn li jista' jitfa' xi xrar, bħal nirien mikxufa, tankijiet tal-ilma sħun, *heaters* tal-elettriku, fjammi pilota, sigaretti mqabbda, eċċ. L-apparat ukoll irid ikun mitfi, u preferibilment jitħalla jibred qabel ma jsir il-bdil taċ-ċilindru.

**Dejjem** oqgħod attent kif tqandel iċ-ċilindru. Ċilindru mimli jiżen bejn wieħed u ieħor id-doppju tal-piż nett li jidher fuq iċ-ċilindru.

## Qatt

**Qatt** tħalli ċilindru jisħon għax il-pressjoni ġo fih tista' titla' tant li taqbeż il-limitu tas-sigurtà.

**Qatt** tipprova tħoll jew taqla' regolatur li jeħel bi klipp jew b'kamin minn maċ-ċilindru jekk il-fjamma ma tintefiex meta r-regolatur jingħalaq.

**Qatt** terfa' jew tuża ċilindri f'xi kantina jew f'xi livell taħt l-art. L-LPG huwa itqal mill-arja, u jekk ikun hemm xi ħruġ ta' gass dan jakkumula fil-baxx, jista' jikkawża l-asfissija, u jista' jkun ta' periklu jekk tinxtegħel xi fjamma jew xrara. Għall-istess raġuni m'għandekx iżżomm iċ-ċilindru inqas minn żewġ metri bogħod mill-bokka ta' xi katusa, jew minn *gully* mikxuf jew mid-daħla ta' xi kantina.

**Qatt** tipprova tisforza regolatur ta' daqs wieħed biex tqabbdu ma' ċilindru fejn il-valv hu ta' daqs ieħor. Jekk ma tkunx ċert, kellem lill-fornitur tiegħek u ħu ħsieb li jiċċekkjawlek l-apparat.

**Qatt** tirranġa jew timmodifika l-apparat tal-gass tiegħek. Dejjem ħu parir mingħand il-fornitur tal-gass u tħallix nies li mhumiex ikkwakifikati jbagħbsu jew isewwu l-apparat. Jista' jkun li jsir perikoluż biex tużah.

**Qatt** tingombra l-aċċess għaċ-ċilindru.

Jekk tagħmel "Dejjem" u "Qatt" kif għandek qabel tkun qed tnaqqas sew ir-riskju li tkun espost għall-monossidu karboniku (CO).
Jekk ikollok suspett li għandek is-sintomi li ġejjin

**ċempel is-Servizz tal-Emerġenza fuq 1 1 2**

### Monossidu Karboniku (CO)

Il-monossidu karboniku (CO) huwa gass estremament velenuż li jista' jinħoloq jekk l-apparat ma jkunx jaħdem tajjeb. Huwa diffiċli li jingħaraf minħabba li la għandu lewn, la riħa u lanqas togħma. Is-sintomi tal-avvelenament bih huma simili għal dawk ta' infezzjoni b'virus. Jolqot il-fakultà mentali b'mod li persuna titlef il-kapaċità mingħajr ma tintebaħ.

### Is-sintomi tal-esponiment għall-monossidu karboniku

- Tħoss moħħok qed jintrass
- Uġigħ ta' ras
- Uġigħ ta' ras qawwi, debolezza, sturdament, nawsja u vomitar
- Koma u konvulsjonijiet intermittenti
- Azzjoni depressa tal-qalb, nifs aktar bil-mod
- Jekk l-esponiment ikun gravi jista' wkoll jikkawża l-mewt.

### Ir-regolatur

Irid ikun hemm regolatur imqabbad bejn iċ-ċilindru u l-apparat, ħlief għal dawk l-apparati li jieħdu l-gass bil-pressjoni taċ-ċilindru. Ir-regolatur ikun issettjat mill-manifattur biex jikkontrolla bil-preċiż il-pressjoni tal-ħruġ tal-gass u **m'għandux jiġi aġġustat**. Jekk regolatur jibda jidher li qed jitqagħbar jew ma jaqbadx sew mal-valv taċ-ċilindru dan għandu jinbidel. Huwa rakkomandat li regolatur m'għandux jintuża għal aktar minn 10 snin minn meta jkun manifatturat. **Ir-regolaturi għandu jkollhom il-marki BS3016 jew BS EN12864 jew MSA EN13785 jew MSA EN13786.**

### Parir ta' emerġenza

Jekk taħseb li jista' jkun hiereġ il-gass, itfi l-apparat, iftaħ il-bibien u t-twieqi kollha u ara li ma jkunx hemm oġġetti fil-qrib li jistgħu jikkawżaw xi xrara, pereżempju jekk hemm sigarretti mqabbda jew ċellulari mixgħula itfihom. Iċċekkja l-pajpijiet u l-konnessjonijiet kollha. Jekk ma ssibx minn fejn hiereġ, ixgħel il-gass u idlek ftit sapun tal-ħasil fuq il-konnessjonijiet – jibdew jidhru l-bżieżaq fejn ikun hiereġ il-gass.

### Pajpijiet flessibbli

Għandek tuża biss pajpijiet biċ-ċertifikat tal-istandards **BS3212** jew **BS EN1763** li jkollhom **miktub is-sena tal-manifattura u l-isem tal-produttur**, peress li l-LPG jattakka u jiekol il-lastku naturali. Żomm it-tul tal-pajpijiet kemm jista' jkun qasir. Il-pajpijiet kollha għandhom ikunu marbuta bi klipps adegwati tal-pajpijiet. Ara li l-pajpijiet ma jitħallewx fejn jistgħu jisħnu u għalhekk iċċekkjahom kull tant żmien. Bħala regola, il-ħajja utilitarja normali ta' dawn il-pajpijiet m'għandhiex tkun ta' aktar minn 5 snin. Jekk xi pajp jibda juri sinjali ta' tqagħbir, qsim jew ħsara ibdlu. Il-pajpijiet li jkunu mqabbda ma' *cabinet heaters* għandu jkollhom il-marka **BS3212 type 2** (jew BSEN1763 Klassi B) u jkollhom djametru intern ta' 8mm.

### Qatt tuża fjamma mikxufa

Biex issib minn fejn ikun hiereġ il-gass tista' tuża *explosimeter* li jkun kalibrat sew biex tittestja l-konċentrazzjoni tal-LPG fl-arja, imma l-LPG tal-Liquigas huwa miżjud b'materjal speċjali b'riħa li tgħinek issib il-ħruġ aktar malajr.

**Iċ-ċilindri tat-taħlita tal-LPG tal-10 kg, it-12-il kg, il-15-il kg u l-25 kg għandhom valv ta' 22mm u għandhom jintużaw biss ma' regolatur ta' 22mm.**

## Kif tqabbad ir-regolatur



1. Neħħi t-tapp l-aħdar tas-sigurtà billi tiġbed il-ħolqa 'l barra, imbagħad 'il fuq. Tużax għodod.
2. Ara li s-swiċċ tar-regolatur ikun skonnettjat, jiġifieri fil-pożizzjoni orizzontali (Ħin tat-3).
3. Qabbad ir-regolatur tat-22mm skont l-istruzzjonijiet tal-manifattur.
4. Meta trid il-gass, dawwar is-swiċċ fil-pożizzjoni vertikali, jiġifieri kkonnettjat.

Jekk is-swiċċ tar-regolatur li jikkonnettja u jiskonnettja jeħillek meta tqabbad il-provvista, ikun ifisser li r-regolatur ġie mqabbad ħażin. Meta jiġri dan trid tiskonnettja r-regolatur u terġa' tibda mill-bidu biex tqabbad ir-regolatur sew.



## Kif tiskonnettja r-regolatur



1. **Qatt** m'għandek tiskonnettja r-regolatur (jew l-iskorfina tal-konnessjoni) meta l-valv ikun miftuħ.
2. **Dawwar** is-swiċċ tar-regolatur fil-pożizzjoni ta' mitfi.
3. **Stenna** sakemm il-fjammi, inkluża dik pilota, ikunu ntfew. Jekk xi fjamma tibqa' tixgħel, dawwar is-swiċċ lura fil-pożizzjoni ta' mqabbad, ħalli l-apparat mixgħul u sejjaħ lit-tekniku tal-gass.
4. Jekk ir-regolatur ikun:
   - tal-**Liquigas Malta**, agħfas il-buttuna fuq il-parti t'isfel u għolli r-regolatur minn mal-valv.
   - ta' **manifattur ieħor**, imxi skont l-istruzzjonijiet tal-prodott.



**F'KAŻ TA' NAR:**
- Agħti l-allarm minnufih u sejjaħ il-Pumpieri tan-Nar (112) u avżahom bil-preżenza tal-gass LPG;
- Għalaq il-valvijiet taċ-ċilindri kollha;
- Roxx l-ilma kontinwament fuq iċ-ċilindri biex iżżommhom kesħin;
- Ċempel lis-servizz lejl u nhar tal-klijenti tal-Liquigas Malta fuq 2165 1661/2/3/4/5

**Liquigas Malta Ltd**
Freeport Centre, Kalafrana
Birżebbuġa BBG 3011
Customer Service: 2165 1661/2/3/4/5
Email: info@liquigasmalta.com

Il-Liquigas Malta Limited għamlet ħilitha kollha biex tassigura li t-tagħrif f'din il-pubblikazzjoni jkun korrett. L-informazzjoni għandha tintuża bħala materjal ta' gwida u ma tiħux post ir-regolamenti attwali jew l-istandards eżistenti. Kull dritt huwa miżmum. Ebda silta minn din il-pubblikazzjoni ma tista' tkun riprodotta, iffotokopjata jew irrekordjata, jew tinħażen f'xi sistema t'arkivjar jew tiġi trasmessa fi kwalunkwe forma jew bi kwalunkwe mezz, ikun elettroniku, elettrostatiku, fuq tejp manjetiku, jew mekkaniku, jew b'xi mod ieħor, mingħajr il-permess bil-miktub tal-Liquigas Malta Limited. © Liquigas Malta Limited 2010



**LIQUIGAS Malta Ltd.**

# Using Liquigas Malta LPG Cylinders Safely

BPC
REQ NO: 69556
DATED: 11/04/11
SPECS: Leaflet
ACC. EXEC: Oriana
DESIGNER: CA
PROOF: 1 PROOF DATE: 11/04/11
Client's approval signifies that all is correct as on final proof
Art Director
Acc Executive
Client

# Keeping safe when using Liquigas Malta LPG Cylinders

## Do

**Do** treat a cylinder with care to ensure that the valve is not damaged.

**Do** always use cylinders in the upright position unless specifically designed for liquid off take.

**Do** return cylinders when empty or when not in use for long periods.

**Do** read the instructions and labels provided with your appliance and keep them handy for future reference.

**Do** keep your appliance clean and have it serviced regularly by a competent person. Not only will this help to keep it safe but it also means it will burn efficiently and therefore save you money.

**Do** ensure there is an adequate supply of fresh air in the room where your appliance is used. If a room has ventilators or grilles ensure these are open. If a room becomes stuffy, open a window or door immediately.

**Do** try to replace empty cylinders for full ones outdoors. A change indoors should only be done away from any sources of ignition such as, open fires, boilers, electric heaters, pilot lights, lit cigarettes, etc. The appliance must also be switched off and preferably allowed to cool before the cylinder change takes place.

**Do** be careful when lifting cylinders. Full cylinders weigh approximately twice the net weight shown on the cylinder.

## Don't

**Don't** subject a cylinder to heat as the pressure inside could build up to exceed the safe limit.

**Don't** attempt to unscrew or disconnect a clip-on or screw-on regulator from any cylinder if the flame does not go out when the regulator is turned off.

**Don't** store or use cylinders in cellars or below ground level. LPG is heavier than air and if there is a leak the gas will accumulate at low level, can cause asphyxiation, and can become dangerous in the presence of a flame or spark. For the same reason, do not store cylinders any closer than 2 metres from entrapped drains, unsealed gullies or openings to cellars.

**Don't** attempt to force a regulator of one size on to a cylinder's valve of another size. If you have any difficulties, contact your retailer and have the appliance checked.

**Don't** improve or modify your gas appliance. Always ask your gas retailer for advice and do not let unqualified people tamper with or service your appliance. It could become unsafe to use.

**Don't** obstruct access to cylinders.

Following the previous 'Do's and Dont's' should minimise any possible risk of exposure to Carbon Monoxide. If you suspect you have the symptoms below

**call the Emergency Service on 1 1 2**

### Carbon Monoxide

Carbon monoxide (CO) is a highly poisonous gas which can be produced if the appliance is not working correctly. It is difficult to recognise as it has no colour, smell or taste.

Symptoms of CO poisoning are similar to that of a viral infection. It effects the mental ability causing a person to become incapable without knowing.

**Symptoms of exposure to Carbon Monoxide**

- Tightness across the forehead
- Headache
- Severe headache, weakness, dizziness, nausea, vomiting
- Coma, intermittent convulsions
- Depressed heart action, slowed respiration
- If the exposure has been severe it may cause death.

### The regulator

A regulator must be included in the connection between the cylinder and the appliance, except for appliances designed to be supplied at cylinder pressure. The regulator is precisely set by the manufacturer to control the pressure of the supply and **must not be adjusted**. If a regulator shows signs of wear and tear, or does not fit properly with the cylinder valve it should be replaced. It is recommended to use the regulator for not more than 10 years since its production date. **Regulators must be marked BS3016 or BS EN12864 or MSA EN13785 or MSA EN13786.**

### Emergency advice

If you suspect a leak, turn off the gas, open all the doors and windows and ensure there is no source of ignition nearby i.e. extinguish any cigarettes and switch off any mobile phones. Examine all pipes and connections. If the leak is not located, turn on the gas supply and brush over the connections with liquid detergent – it will bubble where there is a leak.

### Flexible hoses

Use only certified hoses to **BS3212** or **BS EN1763** which **bear the year and name of manufacturer** as LPG attacks and erodes natural rubber. Keep hose lengths as short as possible. All hoses must be secured with proper hose clips. Make sure that the hoses are kept clear of 'hot spots' and inspect them from time to time. In general the normal useful service life of such hoses should not be beyond 5 years. Replace any hose that shows signs of wear, cracking or damage. Hoses fitted to cabinet heaters must be marked **BS3212 type 2** (or BSEN1763 Class B) and be of 8mm diameter inside.

### Never use a naked flame

To search for a leak a suitably calibrated explosimeter may be used for testing the concentration of LPG in the air, but Liquigas LPG has a special odorant added to help with the detection of leaks.

**10kg, 12kg, 15kg and 25kg LPG mix cylinders have a 22mm valve and must only be used with a 22mm regulator**

## How to connect the regulator



1. Remove the green safety cap by pulling the lanyard out, then up. Do not use tools.
2. Ensure the regulator switch is in the disconnect position (3 o'clock position).
3. Fit the 22mm regulator as per the manufacturer's instructions.
4. When gas supply is required, turn the switch to the vertical on position.

If the regulator on/off switch gets stuck when turning the supply on, it means that the regulator has been connected incorrectly. In this event the regulator must be disconnected and the correct step to reconnect repeated from the beginning.



## How to disconnect the regulator



1. **Never** disconnect the regulator (or connecting nut) with the valve open.
2. **Turn** the regulator switch to the off position.
3. **Wait** until the burner and pilot lights have gone out. If the flame does not go out, turn the switch back to on; leave the appliance alight and call your gas supplier.
4. For the:
   - **Liquigas Malta** regulator, press the push button on the lower part and lift the regulator from the valve.
   - **Other regulators**, as per manufacturer's instructions.



**IN THE EVENT OF FIRE:**

- **Immediately raise the alarm and call the Fire Brigade (112) advising them of the presence of LPG;**
- **Shut all valves on cylinders;**
- **Keep cylinders cool with water spray;**
- **Call the Liquigas Malta 24/7 customer service on 2165 1661/2/3/4/5**

Liquigas Malta Limited has made every effort to ensure that the information contained within this publication is accurate. Its content should be used as guidance material and not as a replacement of current regulations or existing standards. All rights reserved. No part of this publication may be reproduced, stored in a retrieval system or transmitted in any form or by any means, electronic, electrostatic, magnetic tape, mechanical, photocopying, recording or otherwise, without permission in writing from Liquigas Malta Limited. © Liquigas Malta Limited 2010



**LIQUIGAS Malta Ltd.**

# Is-sigurtà fl-użu taċ-Ċilindri tal-LPG tal-Liquigas Malta